



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Frar 2020
(OR. en)

5371/20
ADD 1
LIMITE
PV CONS 2
RELEX 36

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Barranin)
20 ta' Jannar 2020

WERREJ

Pàġna

Attivitajiet mhux leġislattivi

3.	Ġrajjet Kurrenti	3
4.	Is-Sahel	3
5.	Diplomazija dwar il-klima..... Konklużjonijiet	3
4.	Affarijiet oħra	3
ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill		4

Attivitajiet mhux leġislattivi

3. Ġrajjet Kurrenti

Ir-Rappreżentant Għoli informa lill-Kunsill dwar l-aħħar żviluppi fil-**Venezwela** u appoġġa lil Juan Guaidó bħala President tal-Assemblea Nazzjonali; dwar is-sitwazzjoni tal-**Bolivja**; u ta rendikont taż-żjara tiegħu fl-**Indja** fis-16-17 ta' Jannar 2020 u l-laqgħat li saru, inkluż biex jitħejja l-15-il Summit UE-Indja.

Il-Kunsill ingħata rendikont mill-Ġermanja dwar l-eżitu tal-**Konferenza ta' Berlin** u kellu skambju ta' fehmiet dwar it-triq 'il quddiem.

4. Is-Sahel

Skambju ta' fehmiet

L-Istati Membri ddiskutew is-sitwazzjoni tas-sigurtà fir-reġjun tas-Saħel u kellhom skambju ta' fehmiet dwar il-mandat u l-ambitu tal-Missjonijiet ta' Taħriġ eżistenti tal-UE. L-appoġġ għall-pajjiżi tal-G5 tas-Saħel, inkluż għall-forzi armati lokali, tqies bħala komponent essenzzjali biex jgħin biex tiġi stabbilizzata s-sitwazzjoni ġenerali.

5. Diplomazija dwar il-klima

Skambju ta' fehmiet

Konklużjonijiet

5191/20

Adozzjoni

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar linji possibbli ta' azzjoni u inizjattivi diplomatiċi b'appoġġ għall-oġettivi klimatiċi. Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dok. 5191/20.

6. Affarijiet oħra

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar it-tħaffir mhux awtorizzat/illegali fil-Lvant tal-Mediterran li qajjem Ċipru, u qabel dwar dikjarazzjoni għall-minuti tal-Kunsill.

Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" mhux leġislattivi li jinsabu fid-dokument 5217/20

Dwar punt "B" 6: Affarijiet oħra

DIKJARAZZJONI MILL-KUNSILL

“Fid-dawl tat-tħaffir illegali l-ġdid mit-Turkija fiż-Żona Ekonomika Esklużiva tar-Repubblika ta’ Ċipru, il-Kunsill jistieden lill-Grupp ta’ Ħidma rilevanti biex iħaffef u jiffinalizza l-ħidma tiegħu fir-rigward tal-listi ta’ persuni fiżiċi u entitajiet involuti fl-attivitajiet illegali msemmija qabel.”
